



DOKUMENT **TEKNIKU**

HEPSA – għodda ta' awtovalutazzjoni tat-tnejjija għal emerġenzi tas-saħħa

Gwida għall-utenti

DOKUMENT TEKNIKU TAL-**ECDC**

HEPSA – għodda ta' awtovalutazzjoni tat- tnejjija għal emerġenzi tas-saħħa

Gwida għall-utenti



Dan il-proġett ġie kkummissjonat miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), ikkoordinat minn Graham Fraser u minn Svetla Tsołova, u prodott minn Mariana Haeberer, epidemjologa anzjana f'IQVIA, Madrid. Aħna nixtiequ nroddu ħajr ukoll lill-Istitut Nazzjonali Olandiż għas-Saħħa Pubblika u għall-Ambjent (RIVM) għall-kontribut tiegħu.

Ċitazzjoni ssuġġerita: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. HEPISA – awtovalutazzjoni tat-tnejjija għal emerġenzi tas-saħħa – gwida għall-utenti. Stokkolma: ECDC; 2018.

Stokkolma, Ġunju 2018

ISBN 978-92-9498-317-6

doi: 10.2900/278772

Numru tal-katalogu TQ-02-18-883-MT-N

Ritratt tal-qoxra: Sheila Sund, liċenzja Attribuzzjoni Komuni Kreattiva Mhux Kummerċjali (CC BY-NC 4.0) permezz ta' Flickr

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2018

Ir-riproduzzjoni hi awtorizzata kemm-il darba s-sors ikun rikonoxxut

Werrej

Taqsiriet.....	iv
Glossarju.....	iv
1 Introduzzjoni	1
2 L-għodda HEPSA.....	2
2.1 Tħejjijiet u governanza ta' qabel l-avveniment	3
2.2 Riżorsi: forza tax-xogħol imħarrġa	3
2.3 Kapaċità ta' sostenn: sorveljanza	4
2.4 Kapaċità ta' sostenn: valutazzjoni tar-riskju	4
2.5 Ġestjoni tar-rispons għall-avvenimenti.....	4
2.6 Rieżami ta' wara l-avveniment.....	4
2.7 Implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda.....	4
3 Struzzjonijiet.....	5
3.1 L-udjenja fil-mira	5
3.2 Il-mili tal-worksheets	5
3.3 Punteġġ	7
3.4 Pariri addizzjonali	8

Ċifri

Figura 1. Il-proċess tal-PHEP.....	2
Figura 2. Rittratt tal-iskrin: Implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda	5

Tabelli

Tabella 1. Interpretazzjoni tal-punteġġi.....	8
---	---

Taqsiriet

BSI	Sett tal-linja bażi ta' indikaturi
CSI	Sett komprensiv ta' indikaturi
ŻEE	Żona Ekonomika Ewropea
UE	Unjoni Ewropea
HEPSA	Għodda ta' awtovalutazzjoni tat-tnejjija għal emerġenzi tas-saħħa
IHR	Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa
SM	Stat Membru
PFN	Punti fokali nazzjonali
PHEP	Tħejjija għal emerġenzi tas-saħħa pubblika
WHO	L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

Glossarju

Kriżi	Sitwazzjoni serja, mhux mistennija u spiss perikoluża li teħtieġ azzjoni puntwali; sitwazzjoni li tista' taffettwa jew thedded il-ħajjiet, l-ambjent, l-infrastruttura kritika jew funzjonijiet soċjetali ewlenin; tista' tkun ikkawżata minn diżastri naturali jew diżastri kkawżati mill-bniedem.
Avveniment ta' mard	Manifestazzjoni ta' marda jew inċident li joħloq potenzjal għal marda.
Sistema ta' twissija bikrija	Sistema għall-identifikazzjoni ta' kriżijiet potenzjali, primarjament permezz ta' bullettini, tbassiriet, twissijiet.
Komunikazzjoni ta' emerġenza	Komunikazzjoni urġenti, sensittiva għaż-żmien ma' grupp speċifiku ta' nies bħala riżultat ta' sitwazzjoni anormali li teħtieġ azzjoni minnufih lil hinn minn proċeduri normali biex jiġu limitati l-korrimment, il-ħsara jew il-mewt għall-persuni, għall-proprjetà jew għall-ambjent. Il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza spiss ikunu maħsuba biex iniedu jew jiggwidaw azzjoni immedjata.
Tħejjija għall-emerġenzi	Azzjonijiet meħuda b'antiċipazzjoni ta' emerġenza biex jiġi ffaċilitat ir-rispons rapidu, effettiv u xieraq għal emerġenza.
Periklu	Xi ħaġa li għandha l-potenzjal li tikkawża effetti avversi fuq is-saħħa f'popolazzjonijiet esposti.
Sorveljanza bbażata fuq l-indikaturi	Ir-rapportar ta' rutina ta' każijiet ta' mard, pereżempju, f'sistemi notifikabbli ta' sorveljanza tal-mard, f'sistemi ta' sorveljanza ta' kontroll, u sorveljanza bbażata fil-laboratorji. Ir-rapportar ta' rutina spiss isir mill-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, b'rapporti ppreżentati fuq il-bażi ta' kull ġimgħa jew ta' kull xahar.
Tħejjija	L-għarfien u l-kapaċitajiet żviluppatti mill-gvern, mill-organizzazzjonijiet professjonali ta' rispons u ta'

	rkupru, mill-komunitajiet u mill-individwi biex jantiċipaw b'mod effettiv l-impatti ta' kriżi probabbli, imminenti jew kurrenti, iwieġbu għal dawn jew jirkupraw minnhom, b'mod effettiv.
Ippjanar tat-tnejjja	Jinvolvi l-kunsiderazzjoni ta' pjanijiet fid-dimensjonijiet lokali, nazzjonali u tal-UE f'diversi setturi li jaffettwaw il-pjanijiet ta' emerġenza. Il-pjanijiet ta' tnejjja jipprovdu struttura bażi għall-iżvilupp ta' elementi ċentrali biex jiġu indirizzati tipi differenti ta' theddidiet għas-saħħa u tittejjeb l-interoperabbiltà tat-tali pjanijiet; l-ippjanar tat-tnejjja jindirizza theddidiet u emerġenzi li jheddu jew li x'aktarx jheddu s-saħħa pubblika fi Stat Membru.
Mard ta' prijorità	Mardiet li huma ta' tħassib għal pajjiż; hemm kriterji stabbiliti għall-identifikazzjoni ta' dawn il-mardiet.
Tnejjja għal emerġenzi tas-saħħa pubblika	Il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika u tal-kura tas-saħħa, tal-komunitajiet u tal-individwi biex jipprevjenu emerġenzi tas-saħħa, jilqgħu kontrihom, iwieġbu għalihom minnufih u jirkupraw minnhom, b'mod partikolari dawk l-emerġenzi li minħabba l-iskala, it-twaqqit jew l-imprevedibbiltà tagħhom jikkawżaw strapazz żejjed fuq il-funzjonijiet ta' rutina. It-tnejjja għal emerġenzi tas-saħħa pubblika tinvolvi proċess ikkoordinat u kontinwu ta' pjanar u ta' implimentazzjoni li jibbaża fuq il-kejl tal-prestazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva.
Riskju għas-saħħa pubblika	Il-probabbiltà ta' avveniment li jista' jaffettwa s-saħħa tal-popolazzjonijiet umani b'mod avvers, b'enfasi fuq jekk jistax jinfirex f'livell internazzjonali jew jippreżentax periklu serju u dirett.
Theddida għas-saħħa pubblika	Avveniment (inċident), kundizzjoni jew aġent, li minħabba l-preżenza tiegħu jkollu l-potenzjal li rapidament jagħmel biżżejjed ħsara, b'mod dirett jew indirett, fuq popolazzjoni esposta biex iwassal għal kriżi.
Rispons	Il-provvista ta' servizzi ta' emerġenza u ta' assistenza pubblika matul kriżi jew eżatt warajha, biex jiġu salvati l-ħajjiet, jitnaqqsu l-impatti fuq is-saħħa, l-ambjent u s-soċjetà, tiġi żgurata s-sikurezza pubblika u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi ta' sussistenza tan-nies affettwati.
Riskju	It-taħlita tal-probabbiltà ta' kriżi u tal-konsegwenzi negattivi tagħha.
Valutazzjoni tar-riskju	Proċess b'bażi xjentifika li jikkonsisti fl-istadji li ġejjin: i) identifikazzjoni tal-periklu, ii) karatterizzazzjoni tal-periklu, iii) valutazzjoni tal-esponiment, u iv) karatterizzazzjoni tar-riskju.
Komunikazzjoni tar-riskju	L-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni xierqa dwar ir-riskji biex daww li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa.
Ġestjoni tar-riskju	Il-proċess, distint mill-valutazzjoni tar-riskju, ta' ponderazzjoni ta' alternattivi tal-politika, ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' fatturi oħra li jkunu rilevanti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi – f'konsultazzjoni mal-partijiet involuti kollha; jekk ikun

Sorveljanza	hemm bżonn, dan il-proċess jirriżulta fl-għażla ta' opzjonijiet ta' prevenzjoni u ta' kontroll xierqa.
Vulnerabbiltà:	Il-ġbir, it-tgħaqqid u l-analiżi sistematiki u dejjem għaddejjin tad-data għall-finijiet tas-saħħa pubblika, flimkien mat-tixrid puntwali ta' informazzjoni dwar is-saħħa pubblika għall-valutazzjoni u għar-rispons tas-saħħa pubblika.
	Il-karatteristiċi u ċ-ċirkustanzi ta' komunità, ta' sistema jew ta' assi li jagħmluhom suxxettibbli għall-effetti dannużi ta' kriżi.

1 Introduzzjoni

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għandu l-għan li jsostni l-oġettivi tat-tnejjja tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa, u li tindirizza t-tnejjja u l-ippjanar tar-rispons. L-ECDC jipprovdi sostenn għat-tnejjja għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika (PHEP) u jsegwi firxa wiesgħa ta' inizjattivi fil-qasam tal-PHEP, bħall-iżvilupp ta' metodoloġiji dwar it-tnejjja, ta' materjali dwar l-aspetti prattiċi tat-tnejjja, u ta' gwida dwar l-ippjanar tat-tnejjja.

L-iskop tal-għodda HEPSA – l-isem hu akronimu għal "awtovalutazzjoni tat-tnejjja għall-emerġenzi tas-saħħa" – hu li tgħin lill-pajjiżi biex itejbu l-livell tal-PHEP tagħhom billi tħallihom jivvalutaw il-livell ta' tnejjja tagħhom rigward l-emerġenzi tas-saħħa pubblika. Il-HEPSA tintuża biex jiġu evalwati l-livelli ta' tnejjja, jiġu identifikati l-lakuni potenzjali, jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet, u jiġu individwati l-oqsma fejn jista' jsir titjib – bl-għan li jissaħħu l-kapaċitajiet globali ta' tnejjja għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika.

L-għodda fiha żewġ settijiet ta' indikaturi tal-valutazzjoni: linja bażi u komprensivi; is-sett ta' indikaturi komprensivi jinkludi l-indikaturi tal-linja bażi kollha biex issir awtovalutazzjoni komprensiva.

Il-HEPSA hu workbook makroattivat tal-Microsoft Excel. Din il-gwida għall-utenti tipprovdi informazzjoni bażika dwar il-proċess ta' awtovalutazzjoni. Jekk jogħġbok ibgħat email lil preparedness@ecdc.europa.eu jekk għandek aktar mistoqsijiet.

2 L-għodda HEPSA

L-għodda tikkonsisti f' 'seba' dominji li jiddefinixxu l-proċess ta' tnejjija għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika u tarispons għal dawn. L-attivitajiet u l-indikaturi rilevanti huma enfasizzati biex l-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE jiġu megħjuna jevalwaw il-livell ta' tnejjija tagħhom, jidentifikaw il-lakuni potenzjali, u jistabbilixxu prijoritajiet għall-iżvilupp ulterjuri. L-indikaturi tfasslu wara rieżami dettaljat tat-tagħrif u wara li ntlaħaq kunsens fost esperti internazzjonali (f'konsultazzjonijiet mal-Punti Fokali Nazzjonali tal-ECDC għat-Tnejjija u għar-Rispons).

Kull dominju tal-għodda għandu diversi indikaturi. L-indikaturi huma maqsuma f'sett tal-linja bażi ta' indikaturi (BSI) u f'sett komprensiv ta' indikaturi (CSI). Il-BSI jiddefinixxi t-tnejjija bażika tal-pajjiż, li għandha tinkiseb f'kull pajjiż, irrispettivament minn kif inhi strutturata s-sistema tas-saħħa tal-pajjiż. Is-CSI hu ddefinit minn indikaturi addizzjonali tat-tnejjija.

L-għodda HEPSA fiha kontroreferenzi għall-Għodda ta' Evalwazzjoni Esterna Konġunta tad-WHO (JEET – verżjoni 1)¹ u għall-Qafas Strateġiku għat-Tnejjija għall-Emerġenzi², li jgħin lill-utenti jikkalkolaw il-punteġġi potenzjali tal-JEET u jivvalutaw il-livell ta' tnejjija tagħhom skont il-Qafas tad-WHO.

Kull worksheet tad-dominji fiha żewġ kolonni b'kontroreferenzi għad-dokumenti tad-WHO. L-utenti jistgħu jikkonsultaw il-worksheet korrispondenti (JEET: worksheet "Sommarju"; Qafas tad-WHO: worksheet "Qafas tad-WHO") biex jaraw il-links għad-dokumenti tad-WHO.

Figura 1. Il-proċess tal-PHEP

¹ WHO, A Strategic Framework for Emergency Preparedness, 2017. Disponibbli minn:

http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/204368/1/9789241510172_eng.pdf

² WHO, IHR (2005) Monitoring and evaluation framework; Joint External Evaluation Tool. Disponibbli minn:

<http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/254883/1/9789241511827-eng.pdf>



1. Governance	1- Governanza
2. Capacity building and maintenance	2. Bini u żamma ta’ kapaċità
3. Surveillance	3. Sorveljanza
4. Risk assessment	4. Valutazzjoni tar-riskju
5. Risk and crisis management	5. Ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet
6. Post-event evaluation	6. Evalwazzjoni ta’ wara l-avveniment
7. Implementation of lessons learned	7. Implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda
Pre event	Qabel l-avveniment
Post event	Wara l-avveniment
Event	Avveniment

Il-proċess tal-PHEP (Figura 1), li hu kopert mill-HEPSA, hu maqsum f’seba’ stadji:

- Tħejjijiet u governanza ta’ qabel l-avveniment
- Riżorsi: forza tax-xogħol imħarrġa
- Kapaċità ta’ sostenn: sorveljanza
- Kapaċità ta’ sostenn: valutazzjoni tar-riskju
- Ġestjoni tar-rispons għall-avvenimenti
- Rieżami ta’ wara l-avveniment
- Implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda.

Is-seba’ stadji huma raggruppati fi tliet fażijiet: il-fażi ta’ qabel l-avveniment tkopri l-attivitajiet kollha relatati mal-ippjanar u mal-antiċipazzjoni, filwaqt li l-fażi tal-avveniment tiffoka fuq it-twertiq tal-pjanijiet eżistenti tat-tnejjija bħala rispons għal theddida (potenzjali) għas-saħħa pubblika. Il-fażi ta’ wara l-avveniment isseħħ wara l-irkupru minn theddida għas-saħħa pubblika u tenfasizza t-titjib kontinwu tad-dominji u tal-elementi kollha rappreżentati fil-proċess tal-PHEP.

2.1 Tħejjijiet u governanza ta’ qabel l-avveniment

It-tnejjijiet u l-governanza ta’ qabel l-avveniment jirrappreżentaw l-istrutturi u l-proċessi li permezz tagħhom il-partijiet ikkonċernati jinteraġixxu u jipparteċipaw fit-teħid ta’ deċiżjonijiet relatati mal-PHEP. Dawn jinkludu, pereżempju, l-istabbiliment ta’ politiki u ta’ leġislazzjoni nazzjonali li jirregolaw it-tnejjija għall-emerġenzi, ta’ pjanijiet għat-tnejjija għall-emerġenzi, ta’ miżuri ta’ rispons u ta’ rkupru, ta’ mekkaniżmi ta’ koordinazzjoni – u l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

2.2 Riżorsi: forza tax-xogħol imħarrġa

Forza tax-xogħol imħarrġa sew, b'livell għoli ta' kompetenza fir-riżorsi umani u b'ħiliet organizzazzjonali tajbin, taqdi rwol importanti fl-ippjanar tal-PHEP. It-tnejjija ta' organizzazzjoni għall-emerġenzi tiddependi minn persunal li jkollu l-ħiliet biex iwieġeb b'mod effettiv għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika. L-attivitajiet u l-eżerċizzji ta' taħriġ jgħinu biex jiġu żviluppati, ivvalutati u jittejjbu l-kapaċitajiet u l-proċeduri funzjonali u, b'hekk, jagħmluha possibbli biex isir rispons effiċjenti għal tifqigħa jew għal emerġenza tas-saħħa pubblika. Jista' jintuża sett ippubblikat ta' kompetenzi ċentrali għat-tnejjija għall-emerġenzi biex isostni diskussjonijiet ulterjuri f'dan il-qasam³.

2.3 Kapaċità ta' sostenn: sorveljanza

Is-sorveljanza, inklużi t-twissija bikrija u l-intelliġenza dwar l-epidemiji, hi element essenzjali biex jiġu individwati rapidament ir-riskji għas-saħħa pubblika u jitnedew il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' dawn ir-riskji. Hi wkoll waħda mill-kapaċitajiet ċentrali spjegati fil-qafas ta' monitoraġġ tal-kapaċitajiet ċentrali tar-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (IHR)⁴. Is-sorveljanza tal-mard tinkorpora l-ġbir, it-tgħaqqid u l-analiżi sistematiki u dejjem għaddejjin tad-data għall-finijiet tas-saħħa pubblika u t-tixrid puntwali ta' informazzjoni dwar is-saħħa pubblika.

2.4 Kapaċità ta' sostenn: valutazzjoni tar-riskju

Il-valutazzjoni tar-riskju hi ddefinita bħala proċess sistematiku li matulu jiġi assenjat livell ta' riskju għal theddida (potenzjali) għas-saħħa pubblika li tirriżulta minn avviżi u minn twissijiet bikrin mis-sistemi ta' sorveljanza ta' pajjiż. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tar-riskju tinkludi l-ġbir, il-valutazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' informazzjoni rilevanti⁵ biex jingħata appoġġ lit-teħid ta' deċiżjonijiet b'rispons għat-theddida. Il-klassifikazzjoni tar-riskju tista' tkun utli wkoll fil-prijoritizzazzjoni tar-riskji u tal-azzjonijiet⁶.

2.5 Ġestjoni tar-rispons għall-avvenimenti

Il-ġestjoni tar-rispons għall-avvenimenti tinvolvi l-istrategji u l-azzjonijiet kollha mfasla biex jgħinu lill-pajjiżi jindirizzaw emerġenzi f'daqqa u sinifikanti għas-saħħa pubblika. L-avvenimenti għas-saħħa pubblika juru jekk organizzazzjoni tistax tieħu deċiżjonijiet puntwali, adegwati u bir-reqqa li jkunu bbażati fuq valutazzjoni xierqa tas-sitwazzjoni u tal-aħjar għarfien disponibbli. L-għan tal-ġestjoni tar-rispons għal avvenimenti hu li tillimita l-impatt negattiv tal-avvenimenti tas-saħħa pubblika u li s-sitwazzjoni titreġġa' lura għan-normal. Hi r-responsabbiltà tal-aġenti tal-ippjanar tas-saħħa pubblika li jistabbilixxu sistema funzjonali ta' kooperazzjoni f'livelli reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Hemm esiġenzi kbar fuq il-komunikazzjoni reċiproka, l-iskambju ta' informazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod trasparenti. Ir-referenzi legali għal tali attivitajiet jinstabu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, fid-Deċiżjoni 1082/2013 tal-UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa, u fl-IHR.

2.6 Rieżami ta' wara l-avveniment

Importanti li jsir rieżami ta' wara l-avveniment wara emerġenza għas-saħħa pubblika. L-evalwazzjoni tal-avveniment tipprova l-oportunità li jiġi vvalutat il-livell ta' tnejjija ta' pajjiż jew ta' reġjun u tgħin fl-identifikazzjoni tal-lakuni potenzjali u tal-oqsma fejn jista' jsir titjib.

2.7 Implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda

Wara li jiġu vvalutati l-aspetti solidi u dgħajfin fis-sistema tal-PHEP matul evalwazzjoni ta' wara l-avveniment, dawn is-sejbiet iridu jissarrfu f'azzjonijiet, jiġifieri fl-implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda.

³ Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Public health emergency preparedness – Core competencies for EU Member States. Stokkolma: ECDC; 2017. Disponibbli minn: <https://ecdc.europa.eu/sites/portal/files/documents/public-health-emergency-preparedness-core-competencies-eu-member-states.pdf>

⁴ <http://www.who.int/ihr/publications/WHO-HSE-GCR-2016.16/en/>

⁵

<https://ecdc.europa.eu/sites/portal/files/media/en/publications/Publications/1108 TED Risk Assessment Methodology Guidance.pdf>

⁶ https://ecdc.europa.eu/sites/portal/files/documents/Tool-for-disease-priority-ranking_handbook_0_0.pdf

3 Struzzjonijiet

3.1 L-udjenza fil-mira


L-għodda HEPSA hi mfasla biex tintuża minn professjonisti tas-saħħa pubblika fil-qasam tal-ippjanar għall-emerġenzi u tal-ġestjoni tal-avvenimenti. Il-worksheets tal-għodda jistgħu jimtlew minn aktar minn persuna waħda, pereżempju matul sessjoni ta’ ħidma jew biċ-ċirkolazzjoni tal-fajl Excel permezz ta’ email. Dan il-proċess ta’ diskussjoni u ta’ lħuq ta’ kunsens jista’ jittqies bħala l-ewwel pass fit-titjib tas-sensibilizzazzjoni u tal-koordinazzjoni fost il-professjonisti tas-saħħa pubblika inkarigati minn avvenimenti tas-saħħa pubblika.

3.2 Il-mili tal-worksheets

L-għodda HEPSA tikkonsisti f’seba’ dominji, b’kull dominju jkollu l-worksheet tiegħu stess. Kull dominju għandu diversi indikaturi. L-indikaturi jappartjenu għal sett tal-linja bażi ta’ indikaturi (BSI) jew għal sett komprensiv ta’ indikaturi (CSI).

Il-BSI u s-CSI ma jikkorrispondux għal struttura ġerarkika. Fil-fatt, l-indikaturi komprensivi ma jiddefinixxux l-indikatur tal-linja bażi assenjat; minflok, dawn jipprovdu ħarsa aktar komprensiva ta’ dominju. Għall-ewwel il-BSI biss ikun viżibbli. Wara li tagħfas fuq il-buttuna “Open CSI” (Iftaħ is-CSI) fuq nett tal-worksheet, is-CSI jintwera fil-worksheets kollha. Malli tikklikkja l-buttuna “Close CSI” (Agħlaq is-CSI), is-CSI jiġi diżattivat (ara r-ritratt tal-iskrin).

Figura 2. Ritratt tal-iskrin: Implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda



Implementation of lessons learned	Implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda
Responsible authority/ies	L-awtorità(jiet) responsabbli
Respondent/s	Ir-risponent(i)
=BSI	=BSI
=CSI	=CSI
Open CSI	Open CSI (Iftaħ CSI)
Close CSI	Close CSI (Agħlaq CSI)
Performance measure	Kejl tal-prestazzjoni
WHO	WHO
JEE	JEE
Select desired percentage by typing '1' into the corresponding column	Agħzel il-perċentwal mixtieq billi tikteb "1" fil-kolonna korrispondenti
Rating	Klassifikazzjoni
0.0	0.0
Experiences and lessons learned, from post-event reviews or exercises, are used to improve preparedness and response activities	L-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda, minn rieżamijiet ta’ wara l-avveniment jew mill-eżerċizzji, jintużaw biex jittejjbu t-tnejjja u l-attivitajiet ta’ rispons

Experiences and lessons learned, from post-event reviews or exercises, are used across all relevant sectors	L-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda, minn rieżamijiet ta' wara l-avveniment jew mill-eżerċizzji, jintużaw fis-setturi rilevanti kollha
Experiences and lessons learned, from post-event reviews or exercises, are used to improve policies and practice.	L-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda, minn rieżamijiet ta' wara l-avveniment jew mill-eżerċizzji, jintużaw biex jittejjbu l-politiki u l-prattika.

Score	Frequency scale	Achievement scale
No (0%)	Never	Not achieved, no progress, no sign of forward action
20%	Infrequent	Minor progress, with few signs of forward action in plans or policy
40%	Sometimes	Some progress, but without systematic policy and/or organisational commitment
60%	Often	Organisational commitment attained or considerable progress made, but achievements do not meet all needs and requirements
80%	Mostly	Substantial achievements but with some recognised limitations in capacities, capabilities and/or resources
Yes (100%)	Always	Comprehensive achievements with sustained commitment and capacities at all levels

Comments

Next

Score	Punteġġ
Frequency scale	Skala tal-frekwenza
Achievement scale	Skala tal-kisba
No (0%)	Le (0%)
Yes (100%)	Iva (100%)
Never	Qatt
Infrequent	Infrekwenti
Sometimes	Kultant
Often	Spiss
Mostly	Ħafna drabi
Always	Dejjem
Not achieved, no progress, no sign of forward action	Mhux miksuba, ebda progress, ebda sinjal ta' azzjoni 'l quddiem
Minor progress, with few signs of forward action in plans or policy	Progress minuri, bi ftit sinjali ta' azzjoni 'l quddiem fil-pjanijiet jew fil-politika
Some progress, but without systematic policy and/or organisational commitment	Ftit progress, iżda mingħajr politika sistematika u/jew impenn organizzazzjonali
Organisational commitment attained or considerable progress made, but achievements do not meet all needs and requirements	Inkiseb impenn organizzazzjonali jew sar progress konsiderevoli, iżda l-kisbiet ma jissodisfawx il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti kollha
Substantial achievements but with some recognised limitations in capacities, capabilities and/or resources	Kisbiet sostanzjali iżda b'xi limitazzjonijiet rikonoxxuti fil-kapaċitajiet, fil-ħiliet u/jew fir-riżorsi
Comprehensive achievements with sustained commitment and capacities at all levels	Kisbiet komprensivi b'impenn u b'kapaċitajiet sostnuti fil-livelli kollha
Comments	Kummenti
Next	Li jmiss

3.3 Punteġġ

Hemm żewġ għażliet biex timtela l-għodda HEPSA.

- Imla l-oqsma u kkalkola punteġġ għall-BSI (indikaturi ħodor skuri). Ir-riżultati jiġu ppreżentati fil-qiegħ ta' kull worksheet; il-worksheet "Sommarju" tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-livell miksub tal-PHEP.
- Imla l-oqsma u kkalkola punteġġ għas-CSI (l-indikaturi kollha). Ir-riżultati jiġu ppreżentati fil-qiegħ ta' kull worksheet; il-worksheet "Sommarju" tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-livell miksub tal-PHEP.

Biex tikkalkola punteġġ, irid jiġi applikat sett sħiħ ta' indikaturi korrispondenti.

Il-punteġġi jingħataw bħala perċentwal (0 sa 100, f'inkrimenti ta' 20) u fuq żewġ skali: skala tal-frekwenza u skala tal-kisba. Ara t-Tabella 1 għal interpretazzjoni tal-punteġġi kkalkolati.

Tabella 1. Interpretazzjoni tal-punteġġi

Punteġġ	Skala tal-frekwenza	Skala tal-kisba
Le (0%)	Qatt	Mhux miksuba, ebda progress, ebda sinjal ta' azzjoni 'l quddiem
20%	Infrekwenti	Progress minuri, bi ftit sinjali ta' azzjoni 'l quddiem fil-pjanijiet jew fil-politika
40%	Kultant	Ftit progress, iżda mingħajr politika sistematika u/jew impenn organizzazzjonali
60%	Spiss	Inkiseb impenn organizzazzjonali jew sar progress konsiderevoli, iżda l-kisbiet ma jissodisfawx il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti kollha
80%	Ħafna drabi	Kisbiet sostanzjali iżda b'xi limitazzjonijiet rikonoxxuti fil-kapaċitajiet, fil-ħiliet u/jew fir-riżorsi
Iva (100%)	Dejjem	Kisbiet komprensivi b'impenn u b'kapaċitajiet sostnuti fil-livelli kollha

3.4 Pariri addizzjonali

- Dejjem għandek tissejvja kopja tal-fajl; tinsieix tissejvja l-fajl b'mod regolari.
- Int tista' tiddeċiedi li ġġib punteġġ għad-dominji kollha jew għal uħud biss mid-dominji. Il-punteġġi jistgħu jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-BSI jew tas-CSI. Hi pprovduta kaxxa għall-kummenti għall-indikaturi kollha, li tista' tintuża biex tispjega għaliex intuża ċertu indikatur.
- Meta tikkalkola punteġġ, fittex fil-gwida biex tara liema indikatur ikun l-aktar xieraq. M'hemmx tweġibiet ħżiena, iżda importanti li tirreġistra d-dgħjufijiet jew il-vulnerabbiltajiet biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati fil-ġejjieni.
- Biex tagħżel perċentwal, qiegħed "1" fil-kaxxa rilevanti tat-taqsuma safra. Jista' jintgħażel perċentwal wieħed biss għal kull indikatur. Dejjem għandek timla sett sħiħ ta' indikaturi (BSI jew CSI), anki jekk kultant ikollok tirrikorri għal "NA/NK" (mhux applikabbli/mhux magħruf). Settijiet inkompluti ma jistgħux jiġu kklassifikati. Jekk jogħġbok kun af li jista' jkollok bżonn tiskrollja 'l fuq jew 'l isfel biex turi l-indikaturi kollha f'dominju partikolari. Ir-riżultati kollha se jiġu awtomatikament ittrasferiti fil-worksheet "Sommarju".
- Il-punteġġi għal kull indikatur jintwerew fil-kolonna "Punteġġi". Imbagħad dawn jiġu kkonvertiti f'ponderazzjoni, li se tgħodd għall-punteġġ globali għal dak id-dominju. Wara li jiġi kklassifikat kull indikatur, ikklikkja *Enter* biex tikseb sommarju tal-punteġġi kollha għal dominju partikolari (muri fil-qiegħ ta' kull worksheet). Sommarju tal-punteġġi kollha hu disponibbli fil-worksheet "Sommarju".
- Jekk ma tistax tlesti billi twieġeb l-indikaturi kollha f'sessjoni waħda, issejvja u agħlaq il-fajl Excel tiegħek. Kompli fejn ħallejt meta terġa' ssib il-ħin.
- Ladarba jiddaħħlu l-valuri kollha għall-BSI/għas-CSI, ir-riżultat tal-kalkolu jiġi awtomatikament ittrasferit fil-worksheet "Sommarju". Il-worksheet "Sommarju" tippreżenta l-punteġġi għal kull dominju, flimkien ma' graff radar għall-BSI/għas-CSI. Il-worksheet tipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn il-punteġġi fuq il-bażi tal-indikaturi tal-JEE u tal-indikaturi relatati tal-HEPSA.
- Jekk trid tibda mill-bidu, iftaħ fajl tal-HEPSA ġdid. Inkella tista' tagħżel li tħassar it-tweġibiet kollha billi tagħżel l-oqasma kollha u tagħfas "delete" fuq it-tastiera tiegħek.
- Jekk tixtieq tipprintja xogħlok, issejvja l-worksheet Excel bħala fajl PDF u pprintja l-PDF.
- Evalwazzjoni tal-għodda: hi pprovduta formola ta' evalwazzjoni mal-għodda biex tivvaluta l-utilizzabilità u l-utilità tal-għodda. Napprezzaw ferm il-feedback tiegħek u seer nużawh biex inkomplu ntejbu l-għodda. Jekk jogħġbok ibgħat il-formola lil: preparedness@ecdc.europa.eu

**European Centre for Disease
Prevention and Control (ECDC)**

Address:
Gustav III:s boulevard 40, SE-169 73 Solna,
Sweden

Tel. +46 858601000
Fax +46 858601001
www.ecdc.europa.eu

An agency of the European Union
www.europa.eu

Subscribe to our publications
www.ecdc.europa.eu/en/publications

Contact us
publications@ecdc.europa.eu

Follow us on Twitter
[@ECDC_EU](https://twitter.com/ECDC_EU)

Like our Facebook page
www.facebook.com/ECDC.EU

ECDC is committed to ensuring the transparency and independence of its work

In accordance with the Staff Regulations for Officials and Conditions of Employment of Other Servants of the European Union and the ECDC Independence Policy, ECDC staff members shall not, in the performance of their duties, deal with a matter in which, directly or indirectly, they have any personal interest such as to impair their independence. Declarations of interest must be received from any prospective contractor(s) before any contract can be awarded.
www.ecdc.europa.eu/en/aboutus/transparency

HOW TO OBTAIN EU PUBLICATIONS

Free publications:

- one copy:
via EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- more than one copy or posters/maps:
from the European Union's representations (http://ec.europa.eu/represent_en.htm);
from the delegations in non-EU countries (http://eeas.europa.eu/delegations/index_en.htm);
by contacting the Europe Direct service (http://europa.eu/europedirect/index_en.htm) or
calling 00 800 6 7 8 9 10 11 (freephone number from anywhere in the EU) (*).

(* The information given is free, as are most calls (though some operators, phone boxes or hotels may charge you).

Priced publications:

- via EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).



■ Publications Office